MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 186/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Horace Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Horace Farrugia talli nhar it-22 ta' Dicembru 2005 ghall-habta ta' tas-7.30 a.m.:

1) Bhala missier u bniedem awtorizzat li jikkorregi lil ibnu Kane Farrugia ta' 9 snin qabez il-limitu ta' moderazzjoni kif stipulat mill-ligi;

2) Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq ibnu Kane Farrugia skond kif iccertifika Dr. J. Abela Med. Reg. 2536 ta' Floriana Health Centre;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Horace Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontrieh, u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien xahar (1) sospiz ghal sena (1) ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Horace Farrugia pprezentat fit-18 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjonijiet kolha migjuba kontra tieghu;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant jiddeskrivi l-aggravji tieghu kif gej:

*"1. Il-missier uza biss dik il-ftit awtorita` necessarja biex iwaqqaf lil ibnu li fis-6.00 a.m. f'dik il-hemda, kien qed jghajjat hafna u jghajjar lil ommu, pero` fl-ebda mument fic-cirkostanzi ma qabez il-limiti tal-moderazzjoni.*
*2. Il-missier ma kellu ebda intenzjoni li jwegga' lil ibnu u ghalhekk jonqos ukoll l-element intenzjonali.*
*3. Illi anke l-feriti rizultanti mic-certifikat ma humiex feriti li jindikaw aggressjoni.*
*4. Fl-aghar ipotezi ghall-esponent kien hemm konflitt serju bejn il-provi tal-prosekuzzjoni u dawk tad-difiza li zgur joholqu dubbju dettat mir-raguni. Anke a bazi ta' dan id-dubbju l-ewwel Onorabbli Qorti bir-rispett kollu kellha tillibera lill-esponent.*
*5. Intant il-piena nflitta fuq l-esponent hija wahda esagerata tenut kont tal-fatti li rrizultaw. L-esponent qatt ma kellu precedenti u l-fedina penali tieghu hi wahda netta.*
*6. Illi ukoll il-Qorti ma haditx kont tal-fatt li l-ewwel akkuza hija assorbita fit-tieni wahda."*

L-aggravji ta’ l-appellant jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi, apprezzament li din il-Qorti ghamlet wara li semghet il-provi mill-gdid.

**L-Ispettur Walter Spiteri** xehed illi fit-22 ta’ Dicembru 2005 gie nfurmat minn P.S. 849 Ivan Curmi illi kien ircieva rapport minghand Dr. J. Abela li certu Kane Farrugia ta’ disa’ snin kien allegatament qed jigi msawwat minn missieru. Kien baghat ghall-appellant li kien cahad li sawat lit-tifel u qal li kien ghajjat mieghu biex jikkoregieh. Ix-xhud qal li t-tifel kellu xi griehi li kienu jidhru u kien imbezza’ minn missieru. Qal illi tkellmu ma’ l-omm li allegat li l-appellant kien qieghed ikun vjolenti maz-zewg uliedu. Ic-certifikat a fol. 9 huwa dak li kellhom dwar Kane Farrugia. In kontro-ezami qal li jiftakar li l-appellant kien qal illi t-tifel beda jagmel hafna storbju u beda jghajjat ma’ ommu filghodu kmieni. Qal li jiftakar li ra xi marki fuq it-tifel u li t-tifel kien imwerwer minn missieru. Ir-rapport dahal ghand il-Pulizija ghall-habta ta’ nofsinhar.

**P.S. 489 Ivan Curmi** xehed illi ghall-habta tat-3.00 p.m. cempillu l-ghassa taz-Zurrieq it-tabib Abela mill-poliklinika tal-Furjana li qallu li kien ezmaina tifel ta’ disa’ snin li allegatament kien gie msawwat minn missieru. Qal li marru r-residenza ta’ l-appellant fejn kellmu lill-omm u lit-tifel u dawn stqarrew li t-tfal kienu qed jissawtu mill-missier u kienu imbezzghin minnu. L-Ispettur gie nfurmat kif ukoll l-agenzija Appogg u baghtu ghall-appellant li qal li qed jikkoregi lit-tfal ghax ma kinux qed ihalluh jorqod u li ma sawwathomx. Il-mara qalet li r-ragel kien idum afna hin fuq l-internet u filghodu jqumu t-tfal u jaghmlu l-istorbju u r-ragel kien qed jikkoregihom ghax ma jkunx jista’ jorqod.

**Sandra Endrich** xehdet illi fit-22 ta’ Dicembru 2005 l-appellant sawwat lit-tifel billi tah bis-sieq, tah fuq wiccu, beda jaghfaslu wiccu u werwru. Meta harget mid-dar mat-tifel l-ewwel haditu l-iskola ghax bezghet minhabba r-ragel, halliet lir-ragel jitlaq u x’hin ratu sejjer bil-karrozza haditu l-poliklinika. In kontro-ezami qalet illi l-incident gara filghodu qabel ma t-tifel mar l-iskola ghal xis-7.30 a.m. It-

tifel beda jirrispondi u jghidilha li l-lazz mhux issikkat bizzejjed, beda jgerger. Fuq mistoqsija tad-difiza qalet li jista' jkun li t-tifel qallha li hija s-seftura tieghu. Qalet li l-appellant ta lit-tifel bis-sieq fuq saqajh izda tkellmu l-aktar minhabba l-marki fuq wiccu. Qalet li bezghet tiehu lit-tifel mill-ewwel il-poliklinika ghax ir-ragel kien jaghmlilha xi xenata jew isawwatha. Minn dakinhar li sawwat lit-tifel, ma riditx toqghod izjed id-dar u telqet. Illum it-tifel il-kbir qieghed ma' missieru u ghalkemm Kane suppost bid-digriet qieghed maghha, billi Kane ma riedx jinfired minn ma' huh u anke biex ma jinfiridx minn shabu ta' l-iskola, ftehmu li Kane jghix ukoll ma' missieru.

Din il-Qorti semghet ukoll x'kellhom xi jghidu ulied l-appellant, Kane u Bjorn Farrugia:

**Kane Farrugia** qal illi qieghed joqghod ma' missieru ghax iddejjaq ma' ommu. Meta tela' quddiem l-ewwel Qorti qal illi missieru kien qieghed isawtu ghax ommu qaltlu biex jghid hekk u mhux veru illi kien isawtu jew jerfa' jdejh fuqu. Qal illi lill-genituri tieghu lit-tnejn ihobbhom. Ma' ommu jiltaqa' darba fil-gimgha l-Furjana filwaqt illi huma joqoghdu l-Mqabba. Il-genituri ma baqghux flimkien mit-23 ta' Dicembru 2005. Mistoqsi jekk kienx hemm xi incident il-gurnata ta' qabel fejn forsi ssawat minn missieru, wiegeb fin-negattiv.

**Bjorn Farrugia** qal illi hu u huh qed jghixu ma' missieru, illi meta telghu l-Qorti tal-Familja ma dahlux, li ma' missierhom imorru tajjeb hafna u li ma kienx hemm incident li jaf bih fejn forsi missierhom sawwat lil Kane.

Xehed ukoll **l-appellant** li qal li t-tfal qeghdin jghixu mieghu ghax ommhom lanqas tixtieqhom. Huwa spiica mill-Forzi Armati bil-pensjoni filwaqt illi martu ghandha pensjoni ta' dizabilita`. Fit-22 ta' Dicembru 2005 fis-5.45 a.m. qajmu t-tiel iwerzaq u ommu twerzaq mieghu. It-tifel beda jirrispondiha u jghidilha certu kliem bhal "seftura". Huwa beda jghidlu biex lil ommu ma jirrispondihiex hekk. Qal li hu ma kellux ghalfejn jghajjat izda t-tifel baqa' jghajjat u l-mara twerzaq ukoll. Imbaghad, ikompli l-appellant, *"mort jiena, ghamiltu, ghalaqtlu halqu ghidtlu*

*oqghod bil-qeghda mhux ha nhallik tilghab kompjuter, daqshekk”*. Mhux veru li huwa sawwat lil ibnu li jhobb aktar minnu nnifsu. Il-mara telqet mid-dar bla ebda raguni u hadet iz-zewgt itfal maghha. Wara xahar il-kbir mar mieghu. Lejn l-ahhar ta’ Lulju cempillu z-zghir u qallu jmur ghalih biex jibqa’ mieghu ghal dejjem. In kontro-ezami rega’ cahad li kien sawwat lit-tifel u kull ma ghamel kien li ghalaqlu halqu. Kull ma kellu “tliet tikek ta’ nemus”. Qal li jaccetta li saru x’hin ghalaqlu halqu.

**Maria Farrugia**, omm l-appellant, li tghix fl-istess dar, qalet li meta gara l-incident in kwistjoni hija kienet isfel u semghet naqra ghajjat mill-mama` tieghu mat-tifel. Missieru rrabju u qallu issa ma tilghabx bil-kompjuter talli qed tirrispndi lill-mummy. Biex qallu hekk forsi gholla naqra lehnu. Qabel ma hareg it-tifel, hija kelmitu u bisitu. Omm it-tifel ma qaltilha xejn u lanqas binha.

Minn dawn il-provi m’hemm l-ebda dubju illi filghodu kmieni tat-22 ta’ Dicembru 2005 fir-residenza ta’ l-appellant sehh incident li beda billi kien hemm tilwima bejn Kane Farrugia u ommu b’diskors da parti ta’ l-istess Kane Farrugia indirizzat lil ommu li zgur ma kienx xieraq meta indirizzaha bhala “seftura” u li wassal biex l-appellant iqum mis-sodda irrabjat ghall-ghajjat li kien hemm. L-appellant jghid illi pprova jikkorregi lil ibnu bil-kliem izda jammetti illi ghamel idu ma’ wicc ibnu biex iwaqqfu milli jkompli jghajjat u jaccetta wkoll illi xi marki li kellu Kane Farrugia f’wiccu – li huwa jiddeskrivi bhala “tliet tikek ta’ nemus” – ghamilhomlu hu. Jichad illi sawwat lil ibnu u dan jichdu wkoll l-istess Kane Farrugia. Fil-fatt ghalkemm omm it-tifel tallega illi l-appellant ta bis-sieq lil Kane fuq saqajh, ic-certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib Abela ma jaghti l-ebda indikazzjoni ta’ xi offizi f’saqajn Kane Farrugia. Minn dan kollu ghalhekk ma jirrizultax illi kien hemm is-swat illi Sandra Endrich tallega li kien hemm fil-konfront ta’ Kane Farrugia. Din il-Qorti lanqas ma tista’ tifhem ghaliex, jekk l-incident sehh kmieni filghodu, kellha tistenna sa wara nofsinhar biex tiehdu ghal ezami mediku. Galadarba l-appellant kien qieghed id-dar, hija setghet liberament hadet lit-tifel ghal tali ezami minnufih. Difatti mill-istess certifikat mediku jirrizulta illi Kane Farrugia gie

ezaminat fis-13.35. Imbaghad difficilment tista' din il-Qorti temmen li jista' jkun hemm xi animu nociv fl-appellant meta z-zewg uliedu huma ferhanin jghixu ma' missierhom u mhux ma' ommhom.

Filwaqt illi din il-Qorti ma taqbilx illi l-mod ta' kif wiehed izomm tifel milli jghajjat huwa billi taghmillu idejk ma' halqu, din il-Qorti hija soddisfatta illi l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni illi jwegga' lil ibnu u illi l-offizi hfief li ghamel fuq wicc ibnu saru b'mod ghal kollox involontarju u ghalhekk ghandu jwiegeb ghar-reat minuri kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u in kwantu kkundannatu ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena u minflok tiddikjarah mhux hati ta' l-imsemmijin zewg imputazzjonijiet izda minflok issibu hati talli fit-22 ta' Dicembru 2005 ghall-habta tas-7.30 a.m. b'nuqqas ta' hsieb ghamel offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ibnu minuri Kane Farrugia u, wara li rat l-artikoli 225 u 226(1)(c) tal-Kap. 9, tikkundannah ghal *ammenda* ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------